MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1445/2005

**Alex Bonello (246855M)**
**Vs**
**James Vella (469180M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fis-6 ta’ Lulju, 2005 fejn l-attur qed jitlob li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas is-somma ta’ Lm 82 (tnejn u tmenin lira Maltija) bħala ħlas ta’ danni sofferti konsegwenza ta’ inċident stradali li seħħ nhar it-23 ta’ Frar, 2005.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

L-ammont mitlub ta’ tnejn u tmenin lira Maltija (Lm 82) u dan in kwantu:-

Is-somma ta’ ħamsa u tletin lira Maltija (Lm 35) rappreżentanti d-danni sofferti mill-atturi bħala konsegwenza ta; l-inċident stradali li seħħ nhar it-23 ta’ Frar, 2005 għall-ħabta tas-13.16, fl-Imsida quddiem l-

Għassa tal-Pulizija, bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut, James Vella bin-numru tar-reġistrazzjoni FBP 428 u l-mutur misjuq mill-attur Alex Bonello, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAA 522, u dan previa kull dikjarazzjoni neċessarja dwar ir-responsabbilita' tal-konvenut għall-imsemmi inċident awtomobilistiku li seħħ unikament bħala riżultat ta' negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut.

U s-somma ta' sebgħa u erbgħin lira Maltija (Lm 47) rappreżentanti prezz tan-nuċċali tal-vista tal-marka Wesley, liema nuċċali ġie mkisser mill-istess konvenut wara li dan ħebb għall-attur u attakkah fiżikament fl-istess data, ħin u lok fuq imsemmija.

Bl-ispejjeż, inkluż l-imgħax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Att, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Philip Galea fejn ingħad:-

Illi t-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur, stante li ma huwa dovut l-ebda ammont mill-konvenut, versu l-attur rappreżentanti danni sofferti mill-attur bħala konsegwenza ta' l-inċident stradali li seħħ fit-23 ta' Frar, 2005, bejn il-vettura tal-konvenut targata FBP 428 u l-mutur misjuq mill-attur targat FAA 552, kif allegat mill-atturi fl-avviż promotur.

Inoltre, ma huwa dovut l-ebda ammont rappreżentanti prezz ta' nuċċali tal-vista tal-marka Wesley, u dan stante li kien l-istess attur li aggredixxa lill-konvenut.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talba ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut għandha tiġi respinta minn dan l-Onorabbli Tribunal, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi jirriżulta mill-provi prodotti ossia ż-żewġ xufiera u l-warden, li l-konvenut ħareġ minn fuq "stop sign" u naqas li jagħti d-dritta meta kien mid-direzzjoni ta' Ta' Xbiex tul il-bajja għal Knisja ta' San Ġużepp, l-Imsida u di fatti l-ħabta saret viċin l-"istop sign" biex tindika min kellu d-dritt u min ma kellux.

Illi kien jingombra fuq il-konvenut illi qabel jiġi biex joħroġ biex ikompli fid-direzzjoni tiegħu jew biex jadopera għall-manuvra ta' mar-roundabout huwa kellu jieqaf hemm biex jesplora t-triq u wara li mhux ta' riskju jew periklu għal utenti oħra li ġejjin minn fuq il-lemin tiegħu seta' jisporġi ruħu fit-triq tiegħu. Dana jirriżulta ampjament illi ma sar minn imkien.

Għalhekk irid jigi ritenut unikament responsabbli.

Rigward il-kap ta' l-ispejjeż. Bħala sorte sofferti mill-attur is-somma ta' tnejn u tmenin lira Maltija (Lm 82), ossia s-somma ta' ħamsa u tletin lira (Lm 35) ħsara fil-mutur u sebgħa u erbgħin lira (Lm 47) ħsara tan-nuċċali.

Ix-xhieda minnu mogħtija fis-seduta tat-28 ta' Frar 2006, l-attur jallega li kellu spiża ta' mitejn lira (Lm 200) fuq ir-roti ta' quddiem u n-nuċċali fis-somma ta' sebgħa u erbgħin lira (Lm 47). Dawn l-ammonti ġew realment kontestati mill-konvenut fir-risposta minnu preżentata fit-2 ta' Novembru, 2005. Kien għalhekk jingombra fuq l-attur li jipprova l-istess danni, liema prova baqgħet ma saritx. Di fatti mill-atti proċesswali ma tirriżulta l-ebda fattura, stima jew kont ta' spejjeż minnu magħmula u / jew ġew prodotti x-xhieda sabiex jiġġustifikaw l-istess u għaldaqstant it-Tribunal ma jistax jiddeċiedi fuq it-talba attriċi.

Jiddeċiedi billi jiddikjara lill-konvenut responsabbli ta' l-inċident et quo pero' in vista illi ma ġiet prodotta l-ebda prova ta' ħsara lilu kkaġunata jastjeni milli jiddeċiedi fuq is-sorte mill-attur. In vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-kaz, il-kap ta' l-ispejjeż jibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------